

Brussell, 5 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0414(COD)

12230/1/18
REV 1 ADD 1

CODEC 1480
JAI 889
COPEN 302
DROIPEN 132
CT 146

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA, IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-
ĠERMANJA, IR-REPUBBLIKA ELLENIKA U R-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA**

Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika tas-Slovenja jappoġġaw l-għan tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali (id-Direttiva) biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali.

Madankollu, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika tas-Slovenja jixtiequ jenfasizzaw it-tfassib tagħhom rigward l-Artikolu 3(3)(c) u (4) tad-Direttiva. Skont din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkriminalizzaw il-ħasil ta' flus li jinvolvi proprjetà derivat mill-imġiba li tkun seħħet taħt ġurisdizzjoni oħra, anke jekk tali imġiba ma tkunx reat kriminali f'dik il-ġurisdizzjoni. Din id-dispożizzjoni hija applikabbli għal imġiba skont il-punt (a) sa (e) u (h) tal-punt 1 tal-Artikolu 2 li l-Istati Membri għandhom jikkriminalizzaw skont id-dritt tal-UE. Madankollu, peress li pajjiżi terzi mhumex marbuta bid-dritt tal-UE u jista' jkun li ma kkriminalizzawx tali mġiba, id-dispożizzjoni tista' tirriżulta fil-kriminalizzazzjoni ta' transazzjonijiet marbuta ma' proprjetà miksuba legalment f'pajjiż terz u dan iqajjem tħassib serju.

Fl-opinjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika tas-Slovenja, f'dawn il-każi, il-kriminalità doppja, jiġifieri r-rekwiżit li l-imġiba predikata tiġi kriminalizzata kemm fil-ġurisdizzjoni fejn seħħet u (kieku seħħet hemmhekk) fil-ġurisdizzjoni fejn jitwettaq il-ħasil tal-flus, hija meħtieġa għall-proporzjonalità tar-reat kriminali u l-piena skont il-prinċipji fundamentali li jikkostitwixxu tradizzjoni kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri u l-Artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
